A.L. 302 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Istudji Maltin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Istudji Maltin bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Istudji Maltin.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tal-Istudji Maltin;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tal-Istudji Maltin;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2009 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut mill-Istitut għandu jkollhom grad ta' Master minn din jew minn università oħra, normalment fil-istess qasam ta' studju jew f'qasam ta' studju relatat ma' dak li jkunu applikaw għalih, u miksub wara li temmew il-grad tal-ewwel ċiklu jew kwalifika komparabbli.

4. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inklużi s-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll juru l-kompetenza tagħhom fil-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat li jkun magħmul minn bejn tlieta u ħames membri, immexxi mid-Direttur jew mid-delegat tiegħu/tagħha, u l-membri l-oħra jkunu normalment professuri jew professuri assoċjati.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

6. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat, kull Ġunju għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

7. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

8. (1) Wara tnax-il xahar ta' studju *full-time*, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu parti sostanzjali mix-xogħol ta' riċerka tagħhom għal konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* għandu jkun magħmul minn *chairman*, u żewġ eżaminaturi, li wieħed minnhom ikun is-Superviżur Prinċipali u l-ieħor, akkademiku anżjan b'għarfien espert fil-qasam.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent dwar ix-xogħol ippreżentat u għandu jissottometti l-ewwel rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

9. L-istudenti reġistrati mal-Istitut jistgħu jiġu mitluba jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u ta' tagħlim tal-Istitut.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

10. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom ikunu nfurmati li huma għandhom jinfurmaw lill-Istitut li se jissottomettu t-teżi tagħhom għal eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

11. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

12. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

13. (1) L-Istudenti ikunu meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat mill-Istitut għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Istitut, sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat, tliet kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija tal-Istitut u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.

It-Tħassir

14. L-Ordinamenti tal-2005 għall-grad ta' Master of Philosophy – M.Phil. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Istudji tal-Malti ppublikati bħala Avviż Legali Nru. 217 tal-2005 għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2009, iżda l-istudenti rregistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2009 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors rreġistraw għall-grad.